**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 217, 221(1)(2), 338(dd)(ff), 339(d)(e), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kapitolu 9,**
**Artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kapitolu 480**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 1188/13***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**SPIRIDIONE COSTA**
**(ID: 102365M)**

**Illum, 12 ta' Jannar 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SPIRIDIONE COSTA**, iben Paul u Carmela nee' Costa, imwieled Valletta fit-2 ta' Frar, 1965, residenti gewwa l-fond numru 10, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 102365(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Novembru 2013 u l-1 ta' Dicembru 2013, gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Paul Galea jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta daqqa bi strument li jaqta' u bil-ponta lill-istess Paul Galea, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Galea, liema offizi gew maghmula b'arma regulari.

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sean Galea, liema offizi gew maghmula b'arma regulari.

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' Paul Galea, Sean Borg u/jew persuni ohra jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

5. U aktar, talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil Paul Galea u lil Sean Borg.

7. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat storbju u jew glied.

8. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fi stat ta' sakra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Paul Galea, Sean Borg u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini ta' l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9) Il-Qorti giet mitluba ukoll illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Paul Galea, Sean Borg u/jew persuni ohra skond artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

U finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjjer irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom okkorrenza mmarkata bhala Dok. TM1 a fol. 7 et seq, stqarrija mmarkata bhala Dok. TM2 a fol. 11 et seq, patients certification form immarkata bhala Dok. TM3 a fol. 14, certifikat mediku mmarkat bhala Dok. TM4 a fol. 15, fedina penali

mmarkata bhala Dok. TM5 a fol. 16 et seq, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. TM6 a fol. 29 u l-karta tal-identita' tal-imputat immarkata bhala Dok. TM7 a fol. 29A tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

**L-Ispettur Trevor Micallef** xehed nhar il-11 ta' Dicembru, 2013 fejn iddikjara li fl-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000), ghall-habta ta' xi s-siegha u kwart (1:15) kien infurmah is-Surgent 1456 Jonathan Cassar illi fi Triq San Giljan quddiem l-istabbiliment maghruf bl-isem Quenchers kien sehh incident fejn allegatament persuna kien ta' xi daqqiet ta' mus lil persuna ohra. Huwa spjega li kien gie arrestat Spiridione Costa, li huwa l-imputat li huwa gharaf prezenti fl-Awla. L-Ispettur tenna li l-allegat vittma Paul Galea kien ukoll ittiehed l-Isptar fejn kien gie ccertifikat mit-tabib li ezaminah li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi, wara li kien estabilixxa li kien inghata xi daqqiet ta' sikkina fin-naha ta' zaqqu u fil-genb ta' zaqqu.

Spjega li l-imputat kien ittiehed ukoll l-Isptar minhabba l-fatt li kellu xi griehi wkoll fuq ghajnejh. F'dak il-hin li kien qed ikellmu s-Surgent l-imputat kellu jinzamm minhabba li kien qed isir agressiv minhabba li kellu xi xorb go fih. Filfatt kien jidher li kien qieghed fi stat ta' sakra.

Sussegwentement tkellem mal-allegat vittma Paul Galea wara li kien gie rrilaxxat dakinhar stess mill-Isptar; fejn dan Galea kien qallu li

kien qieghed il-Quenchers u li kien inqala' xi argument fejn ra lill-imputat jigri wara xi persuna ohra, mar fuqu biex ihallih bi kwietu u dak il-hin hass xi tingiziet f'zaqqu u mbaghad induna li kien inghata xi daqqiet ta' xi mus.

Spjega li kien hemm ukoll persuna ohra li kienet telqet tigri wara l-imputat fejn kien hadlu wkoll dan l-allegat mus, fejn kien hadulu minn idejh u waddbu l-boghod minnu. Iktar tard filghaxija, ix-xhud jghid li kien kellem persuna ohra li kienet qieghda hemmhekk bil-vettura tieghu certu Shaun Borg, fejn dan ukoll kellu argument mal-imputat qabel ma kellu argument ma' Paul Galea. Huwa x'hin hass din it-tingiza f'zaqqu kien imbotta lill-imputat u sussegwentement kien mar Paul Galea fuqu u kien inqala' l-incident ma' Paul Galea.

Shaun Borg filfatt kien ghamel certifikat li kellu griehi ta' natura hafifa. Huwa ha stqarrija lill-imputat, li tinsab esebita fl-atti a fol. hdax (11), tnax (12) u tlettax (13) liema stqarrija nghatat wara s-soltu twissija fejn l-imputat kien ghazel li ma jkellimx avukat u kien ghazel ukoll li ma jiffirmax l-istqarrija. Huwa gharaf il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Daryl Borg, fuq kull faccata ta' din l-istqarrija. Huwa esebixxa l-hwejjeg tal-vittma Paul Galea li gew immarkati bhala Dok. MT1 kif wkoll il-mus li gie mmarkat bhala Dok. MT2.

**Paul Galea** xehed fil-11 ta’ Dicembru, 2013 fejn iddikjara li xi gimghat ilu kien involut f'incident gewwa San Giljan. Huwa spjega li dan l-incident sar fl-ewwel (1) ta’ Dicembru x’is-siegha ta’ filghodu (01:00am) fl-istabbiliment Quenchers li jinsab San Gwann. Ix-xhud tenna li kien qieghed mal-hbieb fejn kienu qed jiehdu *drink* bejniethom. Kien hemm wiehed li beda jillatika u filfatt tal-*Bar*

keccieh ’l barra, izda rega' dahal u beda jillatika ma' shabu. Ix-xhud sadanittant hareg ’l barra u qaghad fejn il-bieb ipejjep sigarett u rah jigri wara wiehed minn shabu. Huwa mar biex jifridhom, hass tingiza u mbotta lil dan li mar wara siehbu, hass tingiza ohra u ma jafx x’gara wara. Ix-xhud gharaf lill-imputat prezenti fl-awla. Huwa stqarr illi dak il-hin ma kienx jaf x’tingiz kien izda wara sar jaf li t-tingiz kien daqqa ta’ mus.

Mistoqsi fuq xiex kien inqala’ l-argument wiegeb illi ma jafx. Huwa sostna li peress li kienu hemmhekk jixorbu, flimkien ma’ shabu ma jkunx irid glied. Huwa qal li kien ilu sentejn jew tliet snin jiffrekwenta l-post. Mistoqsi x’hemm hdejn dan il-post huwa wiegeb illi kien hemm agent tad-djar f’kantuniera, aktar ’il fuq lejn in-naha tax-xellug hemm wiehed tat-turisti, iktar ’il fuq minnu hemm xi iehor dawn tat-telefowns biex icempel barra u faccata tieghu hemm *Bar* iehor. Spjega li l-Hilton tinsab faccata tieghu.

Mistoqsi x’gara wara li kien hass it-tingiz wiegeb li bdew jghajjtu li ghandu d-demm. Kien hemm tfajla maghhom li kienet *nurse* u li kien jafha minn wiccha ghax huwa l-iktar li kien jaf lill-gharus taghha u qaltlu li ha ggib it-*tissues* biex izzommlu d-demm imbaghad xi ftit wara giet il-Pulizija u l-Ambulanza u haduh l-Isptar.

Ix-xhud ipprezenta tliet (3) ritratti tal-feriti li gew immarkati bhala Dok. PG1, PG2 u PG3. Mistoqsi x’sar minnhom il-hwejjeg li kien bihom dakinhar huwa wiegeb li haduhomlu l-Pulizija minhabba l-kaz. Mistoqsi kemm dam l-isptar wiegeb illi jahseb li dahal xi s-saghtejn neqsin kwart (1:45am) u hareg xi l-hamsa ta' filghodu (5:00am). Huwa spjega li minn dakinhar ’il hawn it-tabib kien ghamillu certifikat biex

ma jmurx ghax-xoghol bhala *sick leave*, ghax kien ghamillu sitt (6) punti, tlieta (3) f'kull ferita u mbaghad dahal ghax-xoghol mit-Tnejn.

Kulltant ihoss naqra ugiegh imma ghalkemm m'ghandux xoghol hafif xorta igahgaha. F'dan l-argument huwa ra lill-imputat jigri wara l-habib tieghu u qallu biex ihallih ghax huma kienu qeghdin jixorbu flimkien. Dan il-bniedem qatt ma kellu xi jghid mieghu u gieli xorob mieghu u l-glied qatt ma fittxu.

**Shawn Borg** xehed fil-11 ta' Dicembru 2013 fejn stqarr li fl-1 ta' Dicembru wara nofs il-lejl (12:00am) gewwa San Giljan inqala' incident fl-istabbiliment Quenchers. Kien hemm tnejn qeghdin jargumentaw barra hdejn il-karozza tieghu tal-marka Chevrolet u li kien jafhom di vista. Ix-xhud gharaf lil wiehed minnhom bhala l-imputat prezenti fl-awla u l-iehor ma kienx prezenti fl-awla waqt is-seduta. Spjega li waqt li huwa kien qieghed hdejn il-bieb tal-hanut, huma kienu bdew jargumentaw fuq xi *lighter* ma' genb il-karozza tieghu. Huwa tenna li kien hemm persuna li talab *lighter* lil xi hadd u mbaghad meta mar talabhielu lura, flok il-*lighter* hareg il-mus. L-imputat kien li hareg il-mus u komplew jargumentaw barra hdejn il-karozza tieghu u biex jevita li jolqtu l-karozza tieghu x-xhud mar fuqhom u qalilhom biex jersqu minn hdejn il-karozza tieghu biex ma jaghmlulux hsara u hekk kif qal hekk beda joffendih bil-familja tieghu u ghamillu l-mus ma' zaqqu u ovvjament beza' u telaq jigri lura u mar jigri warajh.

Sussegwentement Paul hareg jimbuttah biex jaqbez ghalih u qala' daqqa ta' mus minghand l-imputat. Kif rah bil-mus f'idu l-iehor mar jimbuttah u wara li qala' d-daqqiet tal-mus giet wahda biex izzommlu

d-demm, ghax beda johroglu d-demm minn taht zaqqu u l-imputat ipprova jahrab jigri lejn il-karozza u kien hemm xi nies li marru jzommuh u hadulu l-mus ukoll, filwaqt li zammewh sakemm waslu l-pulizija. Lill-imputat rah jaghti bil-mus, imma ma rahx idahhlu fih, imma kien f'idu. L-iehor imbuttah u ovvjament intlaqat minghandu ghax hu kien bil-mus f'idu. L-imputat ghamel il-mus ma' zaqq ix-xhud ukoll, resaq lura u dar jigri mal-karozza u mar jigri warajh bil-mus f'idu.

Meta ra lill-imputat rah bil-mus f'idu u dan kien hdejn Paul Galea u x-xhud jghid li jahseb li jaghraf dan il-mus jekk jarah. Kien hemm tlieta min-nies fil-vicinanzi taghhom meta sar dan l-incident, u huma kienu taht il-bankina fejn kien hemm il-karozza.

Hu kien gab certifikat mediku tal-griehi li kien garrab bil-mus mill-aggressjoni tal-imputat. Hu gie muri certifikat mediku li jinsab a fol. hmistax (15) tal-process fejn ikkonferma li huwa l-istess certifikat li kien ha l-Ghassa ta' San Giljan. Ix-xhud gie muri Dokument MT 2 li huwa l-mus fejn ikkonferma li kien l-istess wiehed li kien f'idejn l-imputat.

**Roxanne Bugeja** xehdet fil-11 ta' Dicembru 2013 fejn iddikjarat illi fl-1 ta' Dicembru 2013 ghal x'in-nofs siegha ta' bil-lejl (12:30am) Roxanne Bugeja kienet qieghda bilqieghda go *Bar* maghruf bl-isem ta' Hexa *Bar* li jinstab gewwa San Giljan. Kienu qieghdin klikka hbieb, fejn ftit wara nqala' qisu naqra battibek bejn Shawn u l-*owner* tal-karozza u ratu dakinhar l-ewwel darba u gharfitu bhala l-imputat fl-awla. Kien inqala' battibek imma ezatt fuqiex ma kinitx taf ghax ma kinitx bilqieghda hdejhom imma kienet qieghda tara x'qieghed jigri u

f'hin minnhom taf li waqa' xi hadd mal-art u harget barra biex tara x'tista' taghmel. Il-vittma bl-isem ta' Pawlu Galea li kien qala' daqtejn ta' mus ipprova jifridhom. Pawlu u Shawn kienu qieghdin it-tnejn fil-*Bar*. Roxanne stqarret illi lil Pawlu ma kinitx tafu u filfatt dan Pawlu aktar kien jaf lill-gharus taghha. Hi rat lil Pawlu jaqa' mal-art, u kif lemhitu bid-demm hiereg, marret tghinu peress li kienet qieghda tistudja ghal *nurse*.

Ezattament ma kinitx taf x'gara, ghax hi kienet gewwa, imma semghet lil Shawn jghid biex ma jmissulux il-karozza. Meta staqsewha jekk l-imputat kellux xi mus f'idejh hija wiegbet li le. Pawlu kellu zewg feriti f'idejh u meta kienet qieghda ddewwih l-imputat kien ghadu fit-triq. Meta giet l-ambulanza u staqsewha x'ghamlet lil Paul, hi wiegbet li zammitlu d-demm.

**WPS 245 Christina Delia** xehdet fis-17 ta'Jannar 2014 fejn spjegat illi nhar l-ewwel (1) ta' Dicembru, 2013 kienet qieghda gewwa Paceville meta rceviet telefonata minghand PS1456 Jonathan Cassar fejn giet infurmata li ma' genb il-*Bar* bl-isem Quenchers kien ghadu kemm sehh *stabbing* u kien hemm bzonn l-assistenza tal-pulizija. Ix-xhud flimkien ma' PC 336 Francesco Imbroll nizlu fuq il-post fejn hemmhekk sabu persuna feruta li kienet Pawlu Galea, flimkien ma' Karl Grima u Shawn Borg. Karl Grima u Shawn Borg kienu identifikawlhom il-persuna li ta d-daqqa ta' sikkina lil Galea li kienet l-imputat Spiridione Costa u dak il-hin stess gie arrestat. Karl Grima kien wera l-post fejn kien rema' l-mus li kien intuza biex twettqu l-griehi li kien sofra Pawlu u hi telghet mieghu fuq il-post fejn kien intrema' l-mus u hadet ir-ritratti ta' fejn gara l-incident. Dawn is-seba'

(7) ritratti gew esebiti fil-Qorti u gew immarkati minn Dok. CD1 sa Dok. CD7 fejn ikkonfermat li ngibdu minnha stess.

Spiridione Costa gie arrestat minnha u minn PC 336 sakemm waslu l-kollegi taghha mill-Ghassa ta' San Giljan. Ix-xhud gharfet lil Spiridione Costa bhala l-imputat prezenti fl-awla. Il-mus kien indikahulha Karl Grima li kien qalilha li dak il-hin li sar l-incident, huwa kien ha l-mus minn idejn is-Sur Costa li kien mar jigri u ramih biex ma jkunx hemm izjed persuni mweggghin u feruti. Bil-mus kien intlaqat Pawlu Galea u jispjega li wara li ngabar il-mus minn fejn kien intrema nstab li kien miksur.

**Dr. Edward Cherubino** xehed fis-16 ta' Mejju, 2014 fejn ikkonferma illi fl-ewwel (1) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa kien ezamina lil Paul Galea u filfatt kien irrilaxxa certifikat mediku liema certifikat jinsab esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dokument TM3 a fol. 14. Huwa qal illi filfatt waqt l-ezami rriskontra li Galea kellu feriti ta' natura gravi u dan peress illi kellu ferita deskritta bhala *stab wound* li kienet tinsab fil-parti t'isfel taz-zaqq fuq in-naha tax-xellug u *stab wound* ohra la genba fuq in-naha tax-xellug ukoll, liema *stab wounds* kellhom bzonn il-punti. Ix-xhud jiftakar li kien hareg ambulanza biex jigbor il-pazjent u dak il-hin kien hemm Pulizija li urieh is-sikkina li kienet mimlija bid-demm u qal li hija kompatibbli mal-ferita li kien hemm fuq Paul Galea.

**PS 1456 Jonathan Cassar** xehed fis-16 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjara li fl-ewwel (1) ta' Dicembru, elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tas-siegha ta' filghodu (1:00hrs) il-Pulizija tal-Ghassa ta' San Giljan gew infurmati mill-*Control Room* li fi Triq San Gorg, San Giljan quddiem

il-Quenchers kien ghadu kif sehh *stabbing*. Minhabba li huwa kien fuq xoghol iehor, marret fuq il-post is-Surgenta 245 fejn imbaghad wara li x-xhud acceda ghal fuq il-post gie ndikat lilu Spiridione Costa li gharfu fl-Awla bhala l-imputat li kien arrestat mill-Pulizija minhabba l-fatt li kien gie ndikat bhala l-aggressur li allegatament wettaq dan l-i*stabbing*. Sadanittant fuq il-post kien hemm l-ambulanza fejn certu Paul Galea li huwa l-vittma ttiehed l-isptar Mater Dei ghal aktar kura. Huwa kompla jispjega li waqt li kien fuq il-post tkellem ma' certu Roxanne Bugeja li bazikament kienet qieghda hemmhekk u setghet rat x'gara. Ix-xhud kien talabha sabiex taghtih il-verzjoni ta' x'gara u filfatt qaltlu precizament "*konna gol-Bar"* li kienet qed tirreferi ghall-Quenchers u qaltlu wkoll is-segwenti: "*fejn agredixxa lil wiehed u wara hareg barra u l-iehor qallu biex ma jersaqx lejn il-karozza. Jien ma rajtux itih id-daqqa ta' mus imma taghjtu l-ewwel ghajnuna peress li jiena qed nistudja ghal nurse*."

Ix-xhud stqarr illi kien hemm ukoll certu Karl Grima li kien il-persuna li lis-Surgenta 245 hadha fil-post fejn allegatament intrema l-mus u fil-fatt il-mus kien instab. Precizament qal "*kont qieghed mal-Bar niehu drink u gie dan*" jigifieri ghas-Sur Costa "*u talabni lighter u hu u jirritornahieli lura hareg mus u staqsejtu ghala kien hargu. Minn dak il-hin inqalghet glieda f'nofs ta' triq. Jien il-mus armejtulu fi Triq Ross pero' ma rajtux itih id-daqqa tal-mus. Il-mus in kwistjoni kien imkisser b'manku kulur tal-injam, fejn gie misjub fil-front garden tar-residenza 'Ponsietta'."*

Huwa tenna li s-Sur Costa ttiehed l-Ghassa ta' San Giljan fejn tah id-dritt tal-Avukat u d-debita twissija li ghalih irrifjuta. Spjega li setghet tinxtamm riha ta' alkohol fuq is-Sur Costa u kellu xi daqqiet f'wiccu u

ghaldaqstant ittiehed gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Floriana li eventwalment gie riferut ghall-isptar Mater Dei minhabba xi *CT Scan*.

Ix-xhud mar gewwa l-isptar Mater Dei fejn hemmhekk kien hemm il-vittma Paul Borg u talbu jirrakkonta x'gara. Il-verzjoni tieghu kienet hekk: "*Konna qeghdin il-Quenchers jien u shabi u nqala' ftit paroli li ma nafx fuq x'hiex kien. Dan jigifieri s-Sur Costa lletika ma' tifel u mort nifridhom u f'hin minnhom hassejt tingiza. Jien imbuttajtu u ghidtlu biex ihallih u rega' niggizni minn hemmhekk ghaqdet*." Bazikament il-vittma gharaf lis-Sur Costa bhala l-bniedem li huwa beda jallega li beda jniggzu.

Ukoll fuq il-post kien hemm certu Shawn Borg li dana ghal xi raguni jew ohra kien telaq pero' mbaghad eventwalment irnexxielu jaghmel kuntatt mieghu u hadu l-ghassa u talbu jghidlu x'gara. Dan stqarr li Karl Grima li kien talab il-*lighter* minghand l-imputat u spicca jilletika mieghu ghaliex beda jaggredih wara li tah il-*lighter u dan billi* hariglu mus jigifieri l-verzjoni tieghu qablet ma' din ta' Karl Grima. Huwa qal li dawn marru jilletikaw fejn il-karozza tieghu, li meta l-Pulizija marru fuq il-post kienet hemmhekk u l-agressur cioe' l-imputat Sur Costa beda jmisslu mal-karozza. Kif is-Sur Borg talbu biex jersaq minn mal-karozza tieghu dan hariglu l-mus tieghu u filfatt anke gab certifikat li dan kellu marka.

Is-Sur Borg qal li l-vittma Paul Borg mar jaqbez ghalih u kien hu li rah itih id-daqqtejn tal-mus, jigifieri s-Sur Borg ra lill-agressur jaghti daqqtejn ta' mus lis-Sur Galea. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza relattiva li l-Qorti mmarkatha bhala Dokument PS.

**Dr. Marcel Schembri** xehed li fis-27 ta' Gunju 2014 fejn ikkonferma illi fl-ewwel (1) ta' Dicembru, 2013 hu kien ezamina lil Shawn Borg gewwa d-Dipartiment tas-Sahha Primarja tal-Floriana.

Ix-xhud filfatt ra c-certifikat rilaxxat minnu b'*registration number* 1460 ghall-habta tal-hamsa u nofs (5:30) ta' filghaxija. Dan ic-certifikat jinsab inserit fl-Atti a fol. 15 immarkat bhala dokument TM4 fejn hu kien ikklassifika l-griehi li rriskontra Shawn Borg bhala *slight safe complications*.

**Karl Grima** xehed fis-27 ta' Gunju 2014 fejn ikkonferma li fl-ewwel (1) ta' Dicembru, tas-sena 2013, kien qed jiehu *drink* ma' grupp ta' hbieb. Ix-xhud qal li gie l-imputat li gharfu prezenti fl-Awla, fejn talbu *lighter* u meta mar lura biex jirritornalu l-*lighter*, l-imputat hareg *flick knife*. Ix-xhud mar ghand sid il-*Bar,* li huwa faccata fejn hemm il-Wembley Garage u qallu x'gara u sakemm mar lura sab li kien hemm wiehed ferut f'zaqqu u lil Spiridione ferut mal-art fit-triq. Ix-xhud ha l-arma li kellu f'idejh l-imputat u cioe' l-*flick knife*, remiha u aktar tard taha f'idejn il-pulizija. Il-pulizija talbitu fejn kienet l-arma li kien rama u kellu jaqbez il-grada biex jigborha u jaghtihielhom. Meta staqsewh ghaliex l-imputat hariglu l-mus, wiegeb li ma jafx imma jaf li hargu u ppuntah lejn idejh. Ix-xhud qal li jekk jara l-mus hu jaghrfu. Ix-xhud gie muri dokument esebit fl-Atti mmarkat bhala dokument MT2 u qal li hija l-istess arma li tkellem fuqha waqt ix-xhieda tieghu.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju, 2014 fejn l-Ufficjal Prosekutur ipprezenta Dikjarazzjoni ghar-rinunzja ghad-dritt tal-parir Legali mal-avukat li giet immarkata bhala Dok. Z u pprezenta wkoll zewg

sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. CSH u CSH1.

**L-Ispettur Daryl Borg** xehed fis-27 ta' Gunju, 2014 fejn ikkonferma li bejn it-30 ta' Novembru, 2013 u l-1 ta' Dicembru, 2013 huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan pero' kien tal-Ghassa l-Ispettur Trevor Micallef. Ix-xhud kien prezenti waqt l-istqarrija tal-imputat li gharaf prezenti fl-Awla bhala Spiridione Costa.

Huwa gie muri l-istqarrija esebita f'dawn l-Atti mmarkata bhala dokument TM2 a fol.11. Fuq din l-istqarrija hemm il-firma tieghu, kif ukoll dik tal-Ispettur Trevor Micallef. L-Imputat Spiridione Costa ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija u qabel ma ttiehdet din l-istqarrija l-imputat inghata s-solita' twissija.

**Dr. Mario Scerri** xehed fil-15 ta' Settembru 2014 fejn ikkonferma li kien gie nominat nhar it-2 ta' Dicembru, 2013 b'digriet moghti lilu mill-Magistrat Claire Stafrace Zammit u kkonferma li ezamina lill-imputat Spiridione Costa dakinhar stess u dana gewwa l-ghassa tal-Pulizija San Giljan.

Ix-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghu, liema relazzjoni giet esebita u mmarkata mill-Qorti bhala Dokument MS.

**Dr Mario Scerri** in kontro ezami xehed fit-22 ta' Gunju, 2015 u spjega illi appena dahal fl-Awla huwa rega' ezamina lill-imputat li gharaf prezenti fl-Awla u dan ghaliex fir-relazzjoni li kien prezenta kien spjega illi effettivament l-imputat ghandu lacerazzjoni fuq is-*supraorbital ridge* tan-naha tax-xellug li kienet sutturata u ghalhekk

setghet tifforma cikkatrici u tibqa' tidher. Illum rega' rah. Spjega li *within talking distance* c-cikkatrici qieghda ezatt fuq il-*hair line* u ghadha tidher. Jiftakar li waqt li kien ezaminah, l-imputat kien allega mieghu illi nhar l-ewwel (1) ta' Dicembru, elfejn u tlettax (2013) waqt li kien qieghed gewwa San Giljan kien involut fi glieda fejn inghata xi daqqiet fuq rasu u nsegwitu kien intilef minn sensih. Filfatt il-lesjoni li kellu kienet kompatibbli ma' *blunt trauma*.

**WPC 4 Anita Schembri** xehdet fil-15 ta' Settembru 2014 ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija. Giet mistoqsija sabiex tara jekk Spiridione Costa ghandux licenzja sabiex igorr arma u kkonfermat li effettivament mir-ricerka li ghamlet ma rrizultalhiex li huwa ghandu tali licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-27 ta' Jannar, 2015 (fol. 140) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fil-21 ta' Mejju 2015 (fol. 144) gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi nhar it-3 ta Dicembru 2015 xehed in kontro ezami Shawn Borg u mistoqsi jekk rax lill-imputat jolqot lil xi hadd bil-mus jghid li ma rahx.

Illi fit-3 ta Dicembru 2015 il-Qorti semghet lill-Ufficcjal Prosekutur jirrimetti ruhu ghall-atti processwali u semghet lil Dr Yana Micallef

Stafrace tittratta l-kaz u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt jaghmel pero' a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe' nhar l-1 ta' Dicembru 2013 fil-jum tal-allegat incident kien irrilaxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti a fol. 11 immarkata bhala Dok. TM2.

Spjega illi fl-1 ta Dicembru 2013 ghall-habta tad-9.00 p.m. kien qieghed San Giljan aktar 'l fuq mill-ghassa u kien hemm persuna li kien jaf '*by sight*' u kien gablu tazza vodka mill-kbar mimlija bil-vodka. Wara xi hin ma jafx kemm, kien hemm minn qallu li kien qabad flixkun tal-vodka u kien ser jibda jferrghu fit-tazza u nqala' argument u jaf li skuza ruhu u l-istorja waqfet hemm. Jghid illi wara sab ruhu l-*clinic* u ma jaf xejn izjed. Jikkonferma li kien f'sakra qawwija. Mistqosi jekk jafx kif spicca bil-punti jghid li qala' xi daqqiet minghand divesi persuni pero' ma jafx minghand min. Mistoqsi jekk setghax il-kaz li kellu xi jghid ma' persuna u telaq jigri warajh barra mill-hanut u beda jdur ma' karozza u wara marret persuna ohra u qallu biex ihalli lil siehbu bi kwietu jghid li ma jafx. Jichad pero' li huwa f'xi hin ta xi daqqiet b'xi sikkina ghaliex skieken fuqu ma kellux. Mistoqsi jekk kienx minnu li effettivament kien hemm persuna li talabha *lighter* u meta mar jirrtorna il-*lighter* inqala' l-argument u huwa hareg il-mus jghid li le mhux minnu u filfatt jghid li *lighter* kellu. Jghid li mhux minnu li kien hemm persuna li griet warajh u haditlu l-*lighter*. Mistoqsi jekk hax xi haga ohra apparti x-

xorb jghid li le. Mistoqsi jekk jaghrafx ma' min kellu xi jghid wiegeb fin-negattiv.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex, kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina x-xhieda u l-provi prodotti, sabiex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat mill-prosekuzzjoni, gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi ghalhekk, m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti tirrileva li ma kintix hi li ghexet il-process tul medda ta' zmien u semghet ix-xhieda kollha prodotta stante li l-kaz beda quddiem din il-Qorti diversament presjeduta pero' semghet numru ta' xhieda relevanti anke fi stadju tal-prosekuzzjoni u ghalhekk xorta

thoss li hija f'posizzjoni tezamina l-imgieba u l-komportament tax-xhieda li xehdu u tikkonstata x'interess setgha kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi kif hu ben saput, sabiex persuna li tinstab hatja ta' reat, il-prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni, dubju li ma jhalliex lill-gudikant ikollu dik il-konvinzjoni morali dwar ir-responsabbilita' kriminali tal-persuna akkuzata. Dubju li minhabba fih, min ghandu jiddeciedi, ma jistax jiddeciedi la naha u lanqas ohra. Huwa l-akkuzat, li bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista' jasal sal-grad tal-probabbilita'. [vide **Il-Pulizija v Joseph Zampa et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel (1) ta' Lulju 1998.]

Hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant. [vide **Il-Pulizija v Paul Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Marzu 2000].

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lil Sean Borg u lil Paul Galea jghidu kif effettivament huma kienu qed jiehdu *drink* f'*Bar* maghruf bl-isem Quenchers flimkien ma' terzi persuni. F'hin minnhom jirrizulta li l-imputat mar jitlob *lighter* minghand Karl Grima u sellifhielu u wara li Galea mar biex johodha lura l-imputat hareg mus u beda jilletika ma' Paul Galea u jduru mal-vettura ta' Sean Galea u f'xi hin l-imputat laqat lil Paul Galea biha f'zaqqu tant li kkagunalu feriti f'zaqqu b'din l-arma u kkagunalu feriti kif deskritti mit-tabib Dr Edward Cherubino

fic-certifikat tieghu esebit fl-atti, liema feriti jghid li kienu ta' natura gravi (vide Dok. immarkat TMA 3 a fol. 14). Jirrizulta li effettivament l-imputat beda jigri wara dan Borg u Sean Galea hareg biex jiddefendi lil Paul Borg mill-aggressjoni tal-imptuat u spicca ferut ukoll pero' b'feriti ta' natura hfief kif deskritti mit-tabib Dr Marcel Schembri (vide Dok. immarkat TMA 4 a fol. 15).

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll lil Roxanne Bugeja li kienet prezenti u tghid li hija qed tistudja ghal nurse u rat lill-imputat jilletika ma' Sean Borg barra il-*Bar* Quenchers u f'hin minnhom rat lil certu Pawlu hareg mill-*Bar* biex jifred lill-imputat minn ma' Sean ghaliex kienu qed jiggieldu u Borg spicca ferut u ghalhekk hasset il-htiega li taghti assistenza lil dan Borg. Hija ma ratx lill-imputat jaghti daqqa ta' mus lil Borg pero' Borg kien hdejh biss meta qala' d-daqqiet ta' mus. Tghid li semghet lil Galea jghajjat lejn l-imputat u jghidlu biex ma jmisslux il-karozza tieghu. Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll lil Karl Grima u dan jghid li l-imputat kien mar fuqu u talbu *lighter* u huwa kien siliflu din il-*lighter*. Jghid pero' li meta mar lura ghal din il-*lighter* l-imputat hareg *flick knife*. Qal li ftit wara qasam it-triq u meta irritorna ra li kien hemm persuna feruta b'daqqa ta' *flick knife* f'zaqqha mal-art. Huwa ghalhekk ha l-arma minn id l-imputat u remiha 'l hemm u gabarha biss meta fuq il-post waslet il-pulizija u dan sabiex jevita li l-icident jikber. Huwa filfatt gharaf il-mus esebit fl-atti bhala dak id dokument immartkat bhala Dok. MT2.

Illi ghalhekk il-versjoni ta' fatti kif spjegata mill-vittmi u cioe' Sean Galea u Paul Borg hija kkonfermata minn Roxanne Bugeja u Karl Grima u mic-cirkostanzi tal-kaz u cioe' li l-imputat kien fis-sakra kif jistqarr l-imputat stess fl-istqarrija tieghu. Li fuq il-post instabet l-

arma bid-demm li giet moghtija lill-pulizija minn Karl Grima. Li effettivament il-feriti li ssubixxa Borg kienu kkawzati b'arma ippuntata u kompatibbli ma' mus u dan jista' jinghad kif ukoll fir-rigward tal-feriti li ssubixxa Galea. Li Roxanne Bugeja wkoll ikkonfermat li rat lill-vittmi bid-demm waqt li kienu jilletikaw mal-imputat. Ghalhekk l-indizzji huma kollha ippuntati lejn l-agir tal-imputat.

Illi l-imputat ukoll spicca ferut pero' kif spicca ferut ma jirrizutlax, l-imputat fl-ebda hin ma jittenta jispjega kif spicca ferut u l-proskezzjoni ma ressqet lil ebda xhud sabiex jispjega dawn ic-cirkostanzi partikolari ghall-imputat.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu.

Rat ukoll li fl-atti hemm esebiti zewg sentenzi li naghtaw fil-konfront tal-imputat u minn ezami tal-istess (Dok CSH u CSH 1 a fol. 112 et seq) jirrizulta li dawn iz-zewg sentenzi nghataw fil-konfront tal-imputat odjern statne li jirrizultaw l-istess partikolaritajiet tal-imputat odjern u ghalhekk din il-Qorti qed issibu ukoll hati talli huwa recidiv.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija ktieb b'numru kbir ta' reati registrati fuqha u minn ezami tal-istess jirrizulta illi l-imputat ghamel diversi snin il-habs u ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu tant li llum jinsab akkuzat bir-reati odjerni u ghalhekk thoss li m'ghandhiex tkun klementi mal-imputat fl-ghoti tal-piena li sejra terroga.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-27 ta' Jannar 2015 u cioe' l-**Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 217, 221(1)(2), 338(dd)(ff), 339(d)(e), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kapitolu 9, Artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta** u tiddikajra li qed issib lill-imputat Spiridione Costa hati tar-reati kollha kif moghtija lilu mill-Prosekuzzjoni u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija effettiva.

Oltre dan tordna li l-mus esebit mill-Ispettur Trevor Micallef nhar il-11 ta' Dicembru 2014 (fol. 43) jigi kkonfiskat a favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 li l-imputat ihallas l-ispejjez involuti fin-nomina tal-hatra tal-espert Dr Mario Scerri.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**